


Rapport dwar il-Progress Diġitali tal-Ewropa (EDPR) tal-2017, Profil tal-Pajjiż Malta

Ir-Rapport dwar il-Progress Diġitali tal-Ewropa (EDPR) isegwi l-progress li sar mill-Istati Membri f'termini tad-diġitalizzazzjoni tagħhom, u jikkombina evidenza kwantitattiva mill-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (IESD)¹ ma' informazzjoni kwalitattiva dwar politiki speċifiċi għall-pajjiżi. Dan huwa strutturat f'ħames kapitoli.

1 Konnettività	Broadband fiss, broadband mobbli, veloċità u prezzijiet tal-broadband
2 Kapital Uman	Użu tal-internet, ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati
3 Użu tal-Internet	Użu ta' kontenut, tal-komunikazzjoni u ta' tranżazzjonijiet online miċ-ċittadini
4 Integrazzjoni tat-Teknoloġija Diġitali	Diġitalizzazzjoni tan-negozji u kummerċ elettroniku
5 Servizzi Pubbliċi Diġitali	Gvern elettroniku




¹ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/desi>

	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
IESD 2017	12	0.55	0.54	0.52
IESD 2016 ²	13	0.53	0.51	0.49

Malta tinsab fit-12-il post mit-28 Stat Membru tal-UE. B'mod ġenerali, din imxiet 'il quddiem b'pass medju matul l-aħħar snin. Malta għandha prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE fil-konnettività tal-broadband, fl-użu tal-internet miċ-ċittadini, fl-użu tat-teknoloġija diġitali min-negozji u fil-provvediment ta' servizzi pubbliċi diġitali. Malta tinsab fuq quddiem nett fl-Ewropea f'dak li jirrigwarda l-broadband veloċi, u hija l-uniku Stat Membru b'kopertura sħiħa ta' netwerks tal-NGA. Malta hija wkoll l-aqwa fl-Ewropa fil-provvediment ta' servizzi pubbliċi diġitali. Fl-istess ħin, tinsab taħt il-medja tal-UE fil-ħiliet diġitali, id-dejta miftuħa u fil-broadband mobbli.

Malta tappartjeni għar-raggruppament ta' pajjiżi bi prestazzjoni Medja³.

L-Istrateġija għal Malta Diġitali⁴ tnediet fl-2014. Dan huwa dokument ta' politika biex jiggwida l-pajjiż lejn il-Viżjoni għall-2020 fejn "Malta ser tiffjorixxi bħala nazzjon diġitali fis-setturi kollha tas-soċjetà". L-istrateġija tippreżenta 71 azzjoni taħt tliet temi strateġiċi, jiġifieri, il-Kummerċ Diġitali, il-Gvern Diġitali u ċ-Ċittadin Diġitali. Dawn il-pilastri strateġiċi vertikali huma sostnuti minn tliet forzi ewlenin, jiġifieri r-Regolamentazzjoni u l-Leġiżlazzjoni, l-Infrastruttura u l-Kapital Uman.



² L-IESD 2016 ġie kkalkulat mill-ġdid għall-pajjiżi kollha biex jirrifletti bidliet żgħira fl-għażla tal-indikaturi u korrezzjonijiet tad-dejta indikatriċi sottostanti. Minħabba f'hekk, il-punteġġi tal-pajjiż u l-klassifikazzjonijiet tagħhom jista' jkun li nbidlu mill-pubblikazzjoni preċedenti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta n-nota dwar il-metodoloġija tal-IESD fuq <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/desi>.

³ Il-pajjiżi bi prestazzjoni medja huma l-Latvja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, Franza, il-Portugall, Spanja, il-Litwanja, Malta, il-Ġermanja u l-Awstrija,

⁴ <https://digitalmalta.org.mt/en/Pages/Home.aspx>

1 Konnettività

1 Konnettività	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
IESD 2017	9	0.68	0.63	0.63
IESD 2016	9	0.66	0.60	0.59

	Malta					UE
	IESD 2017		IESD 2016		IESD 2017	
	valur	Klassifi-kazzjoni	valur	Klassifi-kazzjoni	valur	
1a1 Kopertura tal-Broadband Fiss % tal-unitajiet domestiċi	100% →	1	100%	1	98%	
	2016		2015	2016		
1a2 L-Introduzzjoni ta' Broadband Fiss % tal-unitajiet domestiċi	80% →	7	80%	5	74%	
	2016		2015	2016		
1b1 L-Introduzzjoni ta' Broadband Mobbli Abbonamenti kull 100 persuna	66 ↑	24	63	21	84	
	Ġunju 2016		Ġunju 2015	Ġunju 2016		
1b2 Kopertura 4G⁵ % tal-unitajiet domestiċi (medja ta' operaturi)	80% ⁶	23	Mhux applikabbli		84%	
	2015			2016		
1b3 Spettru⁷ % tal-mira	37% →	28	37%	27	68%	
	2016		2015	2016		
1c1 Kopertura NGA % tal-unitajiet domestiċi	100% →	1	100%	1	76%	
	2016		2015	2016		
1c2 Abbonamenti għall-Broadband Veloċi % ta' abbonamenti >= 30 Mbps	59% ↑	9	58%	5	37%	
	Ġunju 2016		Ġunju 2015	Ġunju 2016		
1d1 Prezz tal-Broadband Fiss⁸ % dħul	Mhux applikabbli		Mhux applikabbli		1.2%	
	prezz 2016, dħul 2015		prezz 2015, dħul 2015	prezz 2016, dħul 2015		

Malta tikklassifika fid-disa' post f'termini ta' konnettività, l-istess bħas-sena l-oħra. Min-naħa tal-provvista tal-broadband fiss, Malta hija l-Istat Membru l-aktar avanzat fl-UE bl-unitajiet domestiċi kollha koperti minn tal-inqas 30 Mbps NGA broadband (medja tal-UE: 76%). L-użu tal-broadband fiss (80%) huwa wkoll ogħla mill-medja tal-UE (74%). Bis-saħħa tad-disponibbiltà għolja tal-NGA, 59% tal-abbonamenti tal-internet fiss huma konnessjonijiet b'veloċità għolja, li huwa ferm ogħla mil-livell tal-UE ta' 37%. Fl-istess ħin, kien hemm ftit li

⁵ Dan huwa indikatur ġdid tal-IESD li jkejjel il-kopertura medja tan-netwerks 4G tal-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet.

⁶ Id-dejta tal-kopertura 4G ġiet riveduta wara l-pubblikazzjoni tal-IESD. Il-figura aġġornata hija 100% bħal dik ta' nofs l-2016.

⁷ Hemm tnaqqis fil-maġġoranza tal-Istati Membri minħabba l-armonizzazzjoni addizzjonali tal-UE tal-faxxa tas-700 MHz f'April 2016.

⁸ Minħabba bidla żgħira fil-metodoloġija, id-dejta storika ġiet ikkalkulata mill-ġdid.

xejn żieda fl-użu tal-broadband mobbli (minn 63 abbonament għal kull 100 persuna fl-2015 għal 66 fl-2016), li jpoġġi l-Malta ferm taħt il-medja tal-UE ta' 84. Rigward l-allokkazzjoni tal-ispettru għall-broadband mobbli, il-punteġġ ta' Malta huwa relattivament baxx, għaliex huwa biss 37% tal-ispettru armonizzat tal-UE li kien assenjat effettivament lil Malta (medja tal-UE: 68%).

Fost objettivi oħrajn, il-pjan Malti għall-broadband jenfasizza l-użu tan-Next Generation Networks (NGA) biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri tal-2020 tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa (DAE). Malta diġà kisbet il-mira ta' kopertura tad-DAE ta' broadband ta' 30 Mbps għad-djar kollha. Fl-istess ħin, fir-rigward tal-mira tal-użu ta' broadband veloċi ħafna (50% tad-djar li huma abbonati għal internet ta' mill-inqas 100 Mbps), il-punteġġ ta' Malta huwa baxx, għaliex huma biss 3% tad-djar li għandhom abbonament għal 100 Mbps jew veloċitajiet ogħla (medja tal-UE: 11%). Madankollu, il-veloċitajiet tat-tniżżil ta' dejta tal-abbonamenti tal-broadband Maltin qed jevolvu, u l-għadd ta' konnessjonijiet ta' 30 Mbps żdied b'41% f'sentejn.

F'termini tal-għanijiet ta' konnettività ġdida, stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar is-Soċjetà tal-Gigabits, Malta se twettaq diversi inizjattivi mmexxjin mid-domanda, bħall-proġett ta' Wi-Fi Mingħajr Fias tal-MCA (Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni, ir-regolatur tat-telekomunikazzjonijiet ta' Malta), li għandu l-għan li jagħmel lil Malta wieħed mill-ewwel stati bil-WiFi fl-Ewropa, l-Inizjattiva SmartPhone, li hija kampanja li tippromwovi l-użu tal-ismart phone bħala għodda għall-produttività u inizjattivi oħra ta' taħriġ. Dawn l-inizjattivi kollha jiffurmaw parti minn strateġija usa' li s-Soċjeta tal-Informatika tal-MCA qed tikkordina fil-preżent, bil-għan li tindirizza d-diviżjoni diġitali u tippromwovi l-kummerċ elettroniku fost l-SMEs u l-kumpaniji mikro.

Malta qed taħdem biex ittejjeb il-konnettività internazzjonali tagħha. Studju kkummissjonat mill-MCA sab li konnessjoni ġdida mal-Ewropa kontinentali jew mal-Afrika ta' Fuq ittejjeb il-pożizzjoni ta' Malta bħala destinazzjoni għall-investiment kummerċjali internazzjonali u tiżgura li r-rekwiżiti tal-konnettività tat-telekomunikazzjonijiet internazzjonali futuri tal-pajjiż jiġu ssodisfati.

Malta għandha infrastruttura tal-broadband fiss tajba ħafna u użu relattivament għoli tal-broadband fiss, li huma pedamenti importanti għal ekonomija u soċjetà diġitali li jaħdmu sew. In-netwerks fissi eżistenti jservu bħala bażi tajba biex jintlaħqu l-miri tas-Soċjetà tal-Gigabits. Malta lestiet it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar miżuri biex tonqos l-ispiża tal-broadband 2014/61/UE, li tista' toħloq investimenti fin-netwerks ta' kapaċità għolja ħafna. L-isfida għal Malta fil-konnettività hija t-titjib ta' dik mobbli. Kemm l-użu tal-broadband mobbli kif ukoll il-livell tal-ispettru armonizzat tal-UE assenjat huma baxxi.

2 Kapital Uman

2 Kapital Uman	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
IESD 2017	17	0.50	0.57	0.55
IESD 2016	16	0.49	0.55	0.53

	Malta				UE
	IESD 2017		IESD 2016		IESD 2017
	valur	klassifikazzjoni	valur	klassifikazzjoni	valur
2a1 Utenti tal-Internet % tal-individwi	76% ↑ 2016	18	74% 2015	16	79% 2016
2a2 Tal-Inqas Ħiliet Diġitali Bażiċi % tal-individwi	49% ↓ 2016	20	52% 2015	15	56% 2016
2b1 Speċjalisti tal-ICT⁹ % tal-individwi impjegati	3.6% ↑ 2015	13	3.4% 2014	14	3.5% 2015
2b2 Gradwati fi STEM Kull 1000 individwu (età 20-29)	15 → 2014	19	15 2013	19	19 2014

Malta turi xi progress fl-involvement ta' ċittadini tagħha biex jużaw l-Internet. Il-perċentwal ta' utenti tal-Internet f'Malta żdied f'it (76%) meta mqabbel ma' sena ilu (74%). Madankollu, din iż-żieda mhix biżżejjed biex tnaqqas id-differenza mill-medja tal-UE (79%). Rigward il-ħiliet diġitali, Malta turi stampa mħallta. Minn naħa waħda, l-għadd ta' individwi b'ħiliet bażiċi diġitali (49%) huwa taħt il-medja tal-UE (56%). Min-naħa l-oħra, il-perċentwal ta' speċjalisti tal-ICT fil-forza tax-xogħol issa huwa f'it ogħla mill-medja tal-UE (3.6% meta mqabbel ma' 3.5% fl-UE). Fl-istess ħin, is-sehem tal-gradwati tax-xjenza, teknoloġija u matematika wkoll jinsab taħt il-medja.

Malta għandha għadd kbir ta' inizjattivi f'dan il-qasam. Rigward it-tfal, l-MCA u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol qed joffru sessjonijiet regolari ta' kodifikazzjoni fl-iskejjel u l-MCA tipparteċipa f'avvenimenti ta' kodifikazzjoni annwali bħal Code week, il-Malta Robotics Olympiad u l-Hour of Code. Għall-anzjani, kemm l-MCA kif ukoll l-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informatika ta' Malta (MITA) għandhom għadd ta' proġetti li joffru taħriġ għat-titjib tal-ħiliet diġitali bażiċi. Malta tkompli tipparteċipa fil-Programm "Internet Aktar Sikur" tal-UE. L-attivitajiet jinkludu sensiela ta' kampanji tal-midja, kampanji fl-iskejjel u jiem informattivi mmirati lejn it-tfal, il-ġenituri tagħhom u l-għalliema. Attivitajiet oħra mwettqa mill-MITA jinkludu kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-Ċibersigurtà mnedija f'Jannar tal-2017. Rigward l-istudenti, il-MITA torganizza programm annwali ta' pjazzament tax-xogħol fis-sajf għall-istudenti li jistudjaw l-ICT bl-għan li l-istudenti jingħataw l-opportunità li jiksibu esperjenza ta' xogħol reali.

Rigward l-edukazzjoni għolja, fil-Proġett ESF 1.33 (biex tiżdied il-kapaċità tal-istudenti tal-ICT), l-għan huwa li tiġi żgurata l-provvista ta' forza tax-xogħol ikkwalifikata u mħarrġa biex tissodisfa l-ħtiġijiet tas-settur tal-ICT. Dan il-proġett joffri programmi ta' taħriġ full-time u boroż tal-istudju lill-istudenti tal-ICT.

⁹ Id-dejta storika ġiet riveduta mill-Eurostat.

3 Użu tal-Internet

3 Użu tal-Internet	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
IESD 2017	8	0.59	0.45	0.48
IESD 2016	6	0.57	0.42	0.45

	IESD 2017		Malta		UE
	valur	Klassifi-kazzjoni	IESD 2016	Klassifi-kazzjoni	IESD 2017
3a1 Aħbarijiet % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	79% ↓	13	81%	11	70%
	2016		2015		2016
3a2 Mużika, Vidjows u Logħob¹⁰ % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	90%	4	Mhux applikabbli		78%
	2016				2016
3a3 Video on Demand¹¹ % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	26%	8	Mhux applikabbli		21%
	2016				2016
3b1 Telefonati fuq Vidjow % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	48% ↑	11	45%	10	39%
	2016		2015		2016
3b2 Netwerks Soċjali % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	82% ↑	2	78%	4	63%
	2016		2015		2016
3c1 Tranżazzjonijiet Bankarji % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	60% ↓	15	61%	13	59%
	2016		2015		2016
3c2 Akkwisti % tal-utenti tal-internet (is-sena l-oħra)	60% ↓	14	66%	11	66%
	2016		2015		2016

F'termini tal-użu tas-servizzi tal-Internet, Malta għandha punteġġ ferm ogħla mill-medja tal-UE. Rigward l-attivitajiet l-aktar popolari online, 90% tal-utenti tal-internet Maltin idoqqu l-mużika, jaraw vidjows u jilagħbu logħob (70% fl-UE), 82% jużaw il-medja soċjali (it-tieni l-ogħla fl-Ewropa, il-medja tal-UE hija 63%) u 79% jaqraw l-aħbarijiet online (70% fl-UE). Malta għandha prestazzjoni ogħla mill-UE anke fl-abbonamenti għal video on demand (26%) u fit-telefonati fuq vidjow (48%). Fl-istess ħin, fir-rigward tas-servizzi ta' tranżazzjonijiet bħall-eBanking u l-akkwisti online, Malta tinsab pjuttost fin-nofs tal-klassifika. 60% tal-utenti tal-internet iwettqu tranżazzjonijiet bankarji jew akkwisti online. Dawn tal-aħħar naqsu b'6 punti perċentwali, u issa jinsabu taħt il-medja (66%). Dan jista' jkun riżultat tal-livelli relativament baxxi ta' ħiliet diġitali kif ukoll in-nuqqas ta' fiduċja. 25% tal-utenti tal-internet f'Malta sostnew li ma jixtrux online minħabba tħassib dwar is-sigurtà (19% fl-UE) u 8% esperjenzaw abbuż tal-informazzjoni personali u/jew ksur ieħor tal-privatezza (3% fl-UE).

¹⁰ Interruzzjoni fis-serje minħabba bidla fl-istħarriġ tal-Eurostat

¹¹ Interruzzjoni fis-serje minħabba bidla fis-sors tad-dejta is-sors ġdid huwa l-Eurostat.

F'dan il-qasam, l-MCA bdiet għadd ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jiżviluppaw il-ħiliet diġitali, inklużi sessjonijiet ta' Tranżazzjonijiet Bankarji tal-Internet mingħajr ħlas lil individwi u SMEs li jiffokaw fuq il-benefiċċji tal-użu tal-pagamenti mobbli u elettroniċi u taħriġ bażiku fil-kummerċ elettroniku għall-anzjani.

4 Integrazzjoni tat-Teknoloġija Diġitali

4 Integrazzjoni tat-Teknoloġija Diġitali	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	Punteġġ	punteġġ	punteġġ
IESD 2017	13	0.40	0.40	0.37
IESD 2016	12	0.36	0.37	0.35

	Malta				UE
	IESD 2017		IESD 2016		IESD 2017
	valur	klassifikazzjoni	valur	klassifikazzjoni	valur
4a1 Il-Kondiviżjoni tal-Infurmazzjoni Elettronika	30%	19	30%	19	36%
% tal-impriżi	2015		2015		2015
4a2 RFID	6.2%	5	6.2%	5	3.9%
% tal-impriżi	2014		2014		2014
4a3 Il-Midja Soċjali	27% ↑	5	26%	5	20%
% tal-impriżi	2016		2015		2016
4a4 Fatturi elettroniċi	9% ↑	23	8%	24	18%
% tal-impriżi	2016		2015		2016
4a5 Cloud	14%	11	Mhux applikabbli		13%
% tal-impriżi	2016		2015		2016
4b1 SMEs li Jbigħu Online	20% ↑	7	16%	14	17%
% tal-SMEs	2016		2015		2016
4b2 Fatturat mill-Kummerċ elettroniku	7.6% ↑	19	4.2%	25	9.4%
% tal-fatturat tal-SMEs	2016		2015		2016
4b3 Bejgħ Transkonfinali Online	11.7%	4	11.7%	4	7.5%
% tal-SMEs	2015		2015		2015

Malta tibqa' f'tit 'il fuq mill-medja tal-UE fl-użu tat-teknoloġiji diġitali mill-impriżi, fejn niżlet pożizzjoni waħda u tinsab fit-13-il post. In-negozji Maltin huma b'saħħithom fl-użu tal-midja soċjali (27%, medja tal-UE 20%) u tat-teknoloġija tal-RFID (6.2%, UE 3.9%) u jikklassifikaw fil-ħames post fl-Ewropa, iżda f'tit jibagħtu fatturi elettroniċi (9% biss b' medja tal-UE ta' 18%) u l-Kondiviżjoni tal-Infurmazzjoni Elettronika hija 30% mqabbla ma' 36% fl-UE. L-użu ta' servizzi avvanzati tal-Cloud Computing huwa ogħla mill-medja tal-UE, iżda Malta għadha 'l bogħod milli tkun ċentru ta' klassi tal-UE. Sar xi progress fil-Kummerċ elettroniku. 20% tal-SMEs ibigħu online, żieda mis-16% ta' sena ilu, li huwa s-seba' l-ogħla fl-Ewropa, u l-qliegħ mill-Kummerċ elettroniku tal-SMEs kiber ukoll. Barra dan, Malta għandha punteġġ partikolarment tajjeb ukoll għall-bejgħ transkonfinali (11.7%, ir-raba' l-ogħla fl-Ewropa, il-medja tal-UE hija 7.5%).

Malta introduċiet diversi proġetti biex tipprovdi finanzjament għall-impriżi fil-qasam diġitali. L-Iskema ta' Garanzija Mikro għandha l-għan li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament b'dejn għal negozji żgħar. Din l-iskema tipprovdi lill-kumpaniji eliġibbli b'garanzija ta' massimu ta' 80% fuq self ta' sa €100,000, li jista' jintuża biex jifinanzja proġetti li jwasslu għat-titjib, it-tkabbir u l-iżvilupp tan-negozju. Micro Invest tipprovdi sostenn permezz ta' kreditu ta' taxa li

jirrappreżenta perċentwal tal-infiq eliġibbli u l-pagi ta' impjegati u/jew apprendisti rekrutati ġodda.

F'Malta, tnedew għadd ta' miżuri speċjali biex jappoġġjaw it-tkabbir tal-ekosistema ta' negozji li jkunu għadhom kemm fetħu f'Malta. It-TAKEOFF Business Incubator kull sena jmexxi kompetizzjoni ta' fondi għall-iżvilupp biex jattira negozji li jkunu għadhom kemm fetħu ġodda fl-inkubatur. Barra dan, sabiex tiġi inċentivata l-intraprenditorija diġitali, fl-2016, il-MITA Innovation Hub nieda programm aċċeleratur li jipprovdi investiment għall-iżvilupp u servizzi pro-bono biex jgħin lil negozji li jkunu għadhom kemm fetħu, li jkunu fi stadju bikri biex jivvalidaw, joħolqu prototipi, u jpoġġu l-idea kummerċjali tagħhom fis-suq. FI-2015, il-Malta Enterprise nediet Business START (B.START), għotja ta' finanzjament għall-iżvilupp immirata speċifikament lejn negozji żgħir li jkunu għadhom kemm fetħu, li joffru prodotti innovattivi b'potenzjal globali. L-iskema tipprovdi żewġ fażijiet ta' appoġġ. L-ewwel fażi hija mmirata l-aktar lejn intraprendituri ġodda u se tipprovdi sostenn permezz ta' strument ta' għotja. It-tieni fażi hija bbażata fuq strument ta' investiment ta' kważi ekwità ripagabbli, li se jippermetti l-impriżi jindirizzaw it-tkabbir inizjali. FI-2016, il-Malta Investment Management Company (MIMCOL) nediet ukoll skema ta' investiment għall-iżvilupp, li għandha l-għan li tinċentivizza l-investiment fin-negozji li jkunu għadhom kemm fetħu jew kumpaniji fi stadju bikri Maltin billi toffri krediti ta' taxa lill-investituri. Barra dan, il-Malta Enterprise topera wkoll skema ta' finanzjament għan-negozji li jkunu għadhom kemm fetħu (ara Attività Ewlenija 2017 fuq il-paġna li jmiss).

Malta għandha Skema għat-Trasferiment tal-Għarfien biex tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet tal-forza tax-xogħol. Il-Malta Enterprise tipprovdi qafas għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' impjegati ġodda u eżistenti billi tappoġġja t-trasferiment tal-għarfien u l-akkwiżizzjoni ta' kompetenzi ġodda, b'konformità mar-rekwiżiti tal-industrija.

Minbarra dan, Malta għandha diversi inizjattivi biex issostni l-iżvilupp tal-industrija tal-logħob diġitali. L-inizjattivi jinkludu lekċers regolari dwar logħob u ljieli ta' logħob fl-Istitut tal-Logħob Diġitali, programm tal-M.Sc fil-logħob diġitali offrut mill-Università ta' Malta kif ukoll il-Malta Global Game Jam, avveniment dinji fejn madwar 25,000 parteċipant jiltaqgħu f'postijiet fiżiċi madwar id-dinja biex joħolqu logħob diġitali jew board games innovattivi fi 48 siegħa.

L-MCA introduċiet il-Malta Cloud Forum li hija pjattaforma li tlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mill-industrija biex iżżid l-għarfien u tfeġġeġ l-użu tal-Cloud Computing fost l-impriżi mikro u l-SMEs, tmexxi riċerka tas-suq kontinwa dwar l-użu tal-cloud u żżid l-għarfien.

Attività Ewlenija 2017¹²: L-Iskema Startup Finance

L-iskema Startup Finance, imnedija fl-2016 mill-Malta Enterprise, għandha l-għan li ssostni negozji żgħar li jkunu għadhom kemm jifftu, billi tipprovdi għajjnuna fi tliet modi:

(i) Sostenn marbut mal-ekwità: Il-Malta Enterprise tista' tipprovdi għotja ripagabbli ekwivalenti għall-valur tal-ekwità privata miżmuma fil-kumpanija. Il-valur totali tal-għotjiet m'għandux jaqbeż il-valur nominali tal-kapital azzjonarju mħallas miżmum minn partijiet privati jew €200,000 (skont liema huma l-inqas).

(ii) Sostenn marbut mal-akkwist ta' tagħmir. It-tagħmir għandu jkun ġdid u għandu jitqies bħala titolu ta' sigurtà kontra l-ħlas lura tal-għotja.

(iii) Sostenn għal Finanzjament Kollettiv: Il-Malta Enterprise tista' taqbel li tqabbel kwalunkwe ammont mwiegħed permezz ta' kampanja ta' finanzjament kollettiv approvata minn qabel, sa ammont massimu ta' €50,000 għal kull kampanja.

¹²Inizjattiva Ewlenija 2016: Il-Ġimgħa ta' Esperjenza tal-Esponiment għall-Karriera fl-ICT (CEE) Il-Ġimgħa ta' Esperjenza tal-Esponiment għall-Karriera fl-ICT (CEE) hija inizjattiva tal-Fondazzjoni ta' Malta għall-ħiliet elettroniċi u tat-Taqsima tas-Servizzi Psiko-Soċjali tal-Edukazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjegi. Il-programm għandu fil-mira tiegħu studenti li għandhom bejn 14 u 15-il sena, li jistgħu jqattgħu ġimgħa f'kumpanija tal-ICT. L-istudenti se jkunu jistgħu josservaw ir-rutini ta' kuljum ta' professjonisti tal-ICT u jsiru jifhmu aktar dwar l-ICT u l-karrieri relatati mal-ICT; jibdeu jidentifikaw l-interessi marbutin ma' karriera f'qasam wieħed, jew f'għadd ta' oqsma, relatati mal-ICT; jiksbu għarfien tal-ħiliet akkademiċi, tekniċi u interpersonali meħtieġa fl-ICT u fi professjonijiet relatati; u jiżviluppaw fehim tal-konnessjonijiet kritiċi bejn l-iskola u x-xogħol.

5 Servizzi Pubbliċi Diġitali

5 Servizzi Pubbliċi Diġitali	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
IESD 2017	12	0.61	0.59	0.55
IESD 2016	12	0.57	0.56	0.51

	Malta				UE
	IESD 2017		IESD 2016		IESD 2017
	valur	klassifikazzjoni	valur	klassifikazzjoni	7
5a1 Utenti tal-Gvern Elettroniku % tal-utenti tal-internet (is-sena l-oħra)	24% ↓	20	28%	18	34%
	2016		2015		2016
5a2 Formoli Mimlijin minn Qabel Punteġġ (0 sa 100)	98 ↑	1	92	2	49
	2016		2015		2016
5a3 Tlestija tas-Servizz Online Punteġġ (0 sa 100)	100 →	1	100	1	82
	2016		2015		2016
5a4 Dejta Miftuħa¹³ % tal-punteġġ massimu	17% ↑	27	0%	28	59%
	2016		2015		2016

Globalment, Malta tinsab fit-12-il post fis-Servizzi Pubbliċi Diġitali, 'il fuq mill-medja tal-UE, iżda l-indikaturi f'din id-dimensjoni tal-indiċi juru stampa mħallta. Malta tinsab fuq quddiem nett fl-Ewropa fil-qasam tal-provvediment ta' servizzi tal-Gvern elettroniku għaċ-ċittadini. Hija tinsab l-ewwel fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni fl-amministrazzjonijiet biex tagħmel il-ħajja aktar faċli għaċ-ċittadini (formoli mimlija minn qabel) kif ukoll fis-sofistikazzjoni tas-servizzi (tlestija tas-servizzi online) fejn għandha l-punteġġ massimu. Madankollu, l-użu miċ-ċittadini ma jaqbilx mal-ambizzjoni tal-provvista. Minkejja l-kwalità għolja fil-provvediment online ta' servizzi pubbliċi, huma biss 24% mill-utenti tal-internet li bagħtu formoli mimlija lill-awtoritajiet pubbliċi fl-2016, li huwa 4 punti perċentwali aktar baxx minn sena ilu kif ukoll taħt il-medja tal-UE ta' 34%. Id-dejta miftuħa hija qasam ieħor fejn għad hemm spazju għal titjib. Malta tinsab fit-tieni pożizzjoni l-aktar baxxa fl-UE.

Reċentement mexxiet proġett iffinanzjat mill-UE biex tidentifika r-raġunijiet għal dan l-użu baxx tas-servizzi tal-Gvern elettroniku. Ir-raġunijiet ewlenin għall-użu baxx huma l-mekkaniżmu tal-login ikkumplikat u n-nuqqas ta' faċilità tal-użu għall-utent. Wara l-istudju, ġew adottati għadd ta' miżuri biex jissimplifikaw l-aċċess, biex jżied l-għarfien u biex is-servizzi jsiru disponibbli fuq apparat mobbli. L-Istrateġija Mobile Government ġiet immedija biex tippermetti l-aċċess għas-servizzi permezz ta' numru ta' apps tal-mowbajl fuq bażi ta' 24/7 fl-ewwel nofs tal-2017. Rigward id-dejta miftuħa, il-MITA qed tiżviluppa l-Portal tad-Dejta Nazzjonali. Dan il-proġett se jinkludi kemm il-Portal tad-Dejta Miftuħa skont il-mandat tad-Direttiva tal-PSI kif ukoll il-Pjattaforma tal-Kondiviżjoni tad-Dejta interna.

It-titjib kontinwu fis-servizzi pubbliċi diġitali huwa ta' importanza kbira biex jiġi żgurat li dejjem iżjed ċittadini u kumpaniji jibbenefikaw mill-Gvern elettroniku.

¹³ Bidla tas-sors tad-dejta. Id-dejta storika wkoll ġiet riveduta. Is-sors il-ġdid huwa l-Portal tad-Dejta Ewropew.